REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/238

tal-10 ta' Frar 2017

li jemenda l-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prodotti kożmetiċi

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prodotti kożmetiċi ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 31(1) tiegħu,

Billi:

(1) Il-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumaturi ("SCCS"), fl-opinjoni tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2008 ([2]) ikkonkluda li l-użu tal-Benzofenon-3 bħala filter tal-UV f'konċentrazzjoni sa 6 % w/w fil-prodotti kożmetiċi li jipproteġu mix-xemx u sa' 0,5 % w/w fit-tipi kollha ta' prodotti kożmetiċi għall-protezzjoni tal-formulazzjoni ma' jippreżentax riskju għas-saħħa umana, għajr il-potenzjal ta' effett allerġeniku mal-kuntatt jew fotoallerġeniku tiegħu.

(2) Għaldaqstant, il-konċentrazzjoni massima attwali ta' 10 % w/w fil-każ tal-Benzofenon-3 użat bħala filter tal-UV fil-prodotti kożmetiċi għandha titnaqqas għal 6 % w/w.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(4) L-applikazzjoni tal-konċentrazzjoni massima l-ġdida għandha tiġi deferita biex l-industrija tingħata ż-żmien ħalli twettaq l-aġġustamenti neċessarji għall-formulazzjonijiet tal-prodotti. B'mod partikolari, l-azjendi għandhom jingħataw sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sabiex jieħdu l-miżuri neċessarji ħalli jqiegħdu fis-suq prodotti konformi u ma jkomplux jagħmlu għad-dispożizzjoni l-prodotti li diġà tqiegħdu fis-suq li mhumiex konformi mal-konċentrazzjoni massima l-ġdida.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Kożmetiċi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu japplika mit-3 ta' Settembru 2017.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak li fih jiġi ppublikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Frar 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

([1]) ĠU L 342, 22.12.2009, p. 59.
([2]) SCCP 1201/08

ANNESS

Fl-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009, l-entrata 4 tinbidel b'dan li ġej:

In-numru ta' referenza	L-identifikazzjoni tas-sustanza				Kundizzjonijiet			Il-kliem li għandu jintuża fil-kundizzjonijiet tal-użu u t-twissijiet
	Isem kimiku/INN/XAN	L-isem tal-Glossarju ta' Ingredjenti Komuni	In-numru CAS	In-numru KE	It-tip ta' prodott, il-partijiet tal-ġisem	Konċentrazzjoni massima fi preparazzjoni lesta għall-użu	Oħrajn	
a	b	c	d	e	f	g	h	i
"4	2-Idrossi-4-metossibenzofenon/Ossibenzon	Benzofenon-3	131-57-7	205-031-5		6 %	Mhux aktar minn 0,5 % għall-protezzjoni tal-formulazzjoni tal-prodott	Fih il-Benzofenon-3 [1]"